MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 899/2008

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Joseph Saliba (ID 282453 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ tlett elef, hames mija u wiehed ewro u tnax-il centezmi (€3501.12) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefoniku li jgib in-numru 2166 2753 u 2164 0444 skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Settembru, 2008 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta` l-

iskrittura datata 11 ta' Awissu, 2004 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.
Ra mill-atti lli giet prezentata nota ta' riduzzjoni fit-talba ghal tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin ewro u sitt centezmi ( €3494.06.).

Ra mill-atti li l-konvenut baqa'  ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra illi  l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta ta` llum.

Illi   fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2009 il-konvenut Joseph Saliba deher  u ta ruhu b'notifikat bl-atti  u ghazel li jixhed. Il-konvenut ddikjara bil-gurament l-ammont ta' €3494.06 huwa dovut minnu u li sa llum ghadu dovut u talab iz-zmien sabiex ikun jistgha jhallas l-ammont mitlub.

It-Tribunal jidhirlu illi b'ammissjoni stess tal-konvenut l-atturi pprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas fis-somma ta'   tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin ewro u sitt centezmi ( €3494.06), bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------